SANNAT

Minuti tas-sebgħa u għoxrin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 25 ta' Jannar 2011 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| Kunsilliera | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| | |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1294 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 26 li saret fit-13 ta' Jannar 2010.

**Item 2 Mill-Minuti**

1295 *(para. 1211)* Rigward il-proġett tal-Unjoni Ewropea, Measure 323 għall-bini tal-ħajt tas-sejjieħ f'Ta' Saguna, il-perit bagħat id-dokumenti tal-offferta. L-offerta ser toħroġ nhar il-Ġimgħa , 28 ta' Jannar 2011 u tagħlaq fit-28 ta' Frar 2011. Nhar il-Ġimgħa ser issir laqgħa mal-Paying Agency tal-MRRA dwar il-progress tal-proġett.

1296 *(para.1136)* Rigward il-kwotazzjonijiet 4, 5, 6 tal-2010, meta tgħaqqad ir-rati tal-kwotazzjoni *06/2010 tal-Hire of Vibrator roller including driver and hire of labourers for patching wor*ks jiġu emalgamati ma' dawk tal-kwotazzjoni numru *05/2010 tal-hire of a tipper truck including driver for loading & unloading of cold asphalt*, hi ftit komplikata u l-perit għandu jerġa jiġi mitlub jagħmel komparazzjoni ta-rati u t-tullenaġġ ta' trakkijiet għaliex mhux faċli li jsir.

1297 (*para. 216*) Il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku imħallat hu għal erbga' snin. Rigward il-bins on wheels, il-ħlas għal kull bin għandu jkun ta' €4.19 kuljum. Fil-ġranet li ma ssirx il-ġabra li huma nhar ta' Tlieta, nhar ta' Ġimgħa u nhar ta' Ħadd, il-Kunsill irid iħallas it-*tipping fees* bir-rata ta' €20 fit-tullenata, VAT mhix inkluża. Ir-rata titla' u tinżel skond il-prezz tal-ġurnata. Il-Kunsill qabel li jaċċetta dawn il-kundizzjonijiet, imma jżomm id-dritt li jekk ikun hemm l-abbużi fis-servizz tal-*bins on wheels* dawn jitneħħew. Għalhekk il-Kunsill approva dan il-kuntratt b'dawn il-kundizzjonijiet.

1298 *(para. 1147)* Rigward it-tindif tal-culvert tal-ilma tax-xita fi Triq tal-Gruwa li tinfed għal Triq Mġarr ix-Xini, il-kuntrattur għandu jmur il-ġimgħa d-dieħla.

SANNAT

1299 (*para.1224)* Dwar l-ilment ta' binja abbandunata fi Triq l-Ikxbiex li qed isir miżbla s-Segretarju għal darba oħra reġa kiteb lis-sid tal-post sabiex jagħlaq it-twieqi li huma ta' periklu. Dan ma ħax passi. Issemma li fi Triq Ċenċ fejn iċ-Ċeli hemm binja oħra perikoluża. Il-Kunsill għandu javża lill-MEPA dwar dawn il-każijiet.

1300 *(para. 1228)* Rigward it-Triq Sannat, il-Kunsill għadu ma irċeviex risposta mill-Ministeru għal Għawdex. Għandha tinkiteb ittra lill-Ministru sabiex issir laqgħa magħha.

1301 *(para. 1232)* Rigward l-applikazzjoni tal-iskema tal-Eko Għawdex għal Sqaq Ta' Dun Anastas u l-isqaq li hemm fi Triq Ċenċ faċċata ftit 'l isfel minn Triq l-Gruwa, il-Kunsill ġie mitlub jinforma lil-Eco Għawdex jekk hux ser jidħlu karozzi fl-isqaqien jew jekk hux ser ikunu pedestrian area. F'Ta' Dun Anastas jidħlu ħames karozzi u hemm tliet garraxijiet u fl-oħra jidħlu żewġ karozzi.

1302 *(para. 1234)* Rigward il-fanali tal-Pjazza Santa Margerita, il-Kunsill qabel li jitlob stima tal-RCV's lil GaleaCurmi Consultants għaliex Anton Zarb ġie darba u ma ġiex iżjed.

1303 *(para. 1206)* Rigward l-Sticker mal-iSkips fejn tgħid li f'dawn l-iSkips jista' jinxeħet skart domestiku biss, għandhom jiġu ordnati tal-perspex mingħand Gozo Creations.

1304 Rigward il-laqgħa li kellu s-Sindku mal-Kummissarju tal-Pulizija saret talba lil Kummissarju sabiex il-bini eżistenti tal-uffiċċini tal-Kunsill jingħata lill-Kunsill biex isir *Child Care Centre*. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskop hu tajjeb, imma l-għassa tal-pulizija ma tmurx ma' *Child Care Centre.* Waqt din il-laqgħa sar suġġeriment lill-Kummissarjiu sabiex jinġabu l-pulizija tal-klieb sabiex jagħmlu show fil-lokalita' kif ukoll il-banda tal-pulizija. Għandha tintbagħat ittra fejn issir talba f'dan is-sens.

1305 Rigward il-progett EU LIFE+Project on Bird Migration and Trapping tal-BirdLife, il-FKNK bagħtu risposta lill-Kunsilli Lokali Għawdxin fejn qalu li fl-ittra tal-Birdlife hemm ħafna ineżattezzi u li dan qed isir sabiex jingħataw il-flus mill-EU u jinqata' l-insib darba għal dejjem..

1306 Rigward il-linja divizorja tal-art tal-Kunsill l-ġdid ma' John Grima, is-Sindku reġa' kellem lis-Sur Carmel Camilleri mit-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern u dan qallu li kollox għadu l-istess. Mill-uffiċċju tal-Segretarjat responsabbli mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern qalulna li ser jaraw il-każ huma. Milli jidher il-Kunsill ser ikollu jmur arbitraġġ li jieħu ftit fit-tul. Is-Sindku għamel proposta li sakemm jinqata' l-arbitraġġ, il-Kunsill idawwar l-art bil-wire fuq l-art tal-Kunsill li mhix kontestata. Fl-istess ħin il-Kunsill jikteb bl-avukat lil Johh Grima li ser jinżamm responsabbli għall-ispejjeż li ser jagħmel l-Kunsill sabiex jagħmel dan il-wire u spejjeż żejda oħra. Rigward is-sistema ta' dawl il-Kunsill għandu iqabbad lil Alex Gatt, l-electrician li għadda d-dawl fil-Kunsill il-ġdid sabiex jara x'materjal hemm bżonn ħalli jinxtara mill-Kunsill.

**Item 3. Korrispondenza**

1307 Memo 3/2011mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari dwar l-impjegati minn barra.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

1308 Memo 4/2011mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari dwar l-impjegati li daħlu jaħdmu mal-Kunsilli l-Lokali f'dawn l-aħħar 12-il xahar.

1309 Memo 6/2011mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward struzzjojnijiet dwar attivitajiet parzjalment finanzjati mill-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet (Memo 95/2010) li l-Bord tal-evaluazzjoni mhux ser jaċċetta l-ebda tibdil u jew u emendi ulterjuri minn kif issottomettjat fl-applikazzjoni.

1310 Memo 7/2011mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ir-reviżjoni fl-onorarja.

1311 Memo 8/2011mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward emenda għal Memo 122/2010 dwar ikliet/riċevimenti mill-Kunsill Lokali.

1312 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-Konferenza Gemellaġġi 2011. Dawk il-Kunsilli li huma nteressati li jieħdu sehem għandhom jgħaddu l-informazzjoni fuq il-lokalitajiet ġemellati magħhom ħalli din l-informazzjoni tuntuża fuq il-website, kif ukoll fuq il-ktejjeb li ser isir għal din l-attivita'. Id-Dipartiment qal li l-spiża ġiet reveduta u ser tkun ta' €100 għal kull persuna li ser tinġieb. Il-Kunsilliera Marlene Muscat għandha tmur għal din il-konferenza.

1313 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali naqqsulna €120 skond il-ftehim il-ġdid dwar is-servizz il-ġdid tal-Wifi sa Mejju 2011. Il-Kunsill qabel li jekk possibbli dan il-Wifi jiġi nstallat fil-fergħa tal-BOV. F'kas li dawn ma jaċċettawx isir f'wieħed mill-każini dak tal-football jew tas-Soċjeta Mużikali Santa Margarita fejn isir sub meter tad-dawl.

1314 Kopja ta' ittra li l-Kunsill Lokali tad-Xewkija bagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jiġi rinbursat it-€3,750 mill-Iskema ta' finanzjament ta' proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar (Memo 27/2010). Huma qalu li nofs l-ieħor għandu jingħata direttament lill-Kunsill Lokali ta' Sannat.

1315 Ittra mill-Assoċjazjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-laqgħat statutorji għas-sena 2011 li huma; 20 u 21 ta' Mejju 2011, 28 u 29 ta' Ottubru 2011 u 19 ta' Novembru 2001 li hi l-laqgħa Plenarja.

1316 Ittra mill-Kumitat Reġjonali li nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Jannar għalqu l-offerti għall-*Provision for Local Warden Services.*

1317 Ittra mil-Reġjun ta' Għawdex li ser isir laqgħa tar-reġjun fis-26 ta' Jannar 2011.

1318 Invit mill-SportsMalta Awards li ser issir fid-29 ta' Jannar 2011 fis-sala la Vallette.

**Item 6. Is-Sistema tat-Traffiku**

1319 Ġiet ppreżentata l-iskema tat-traffiku għal lokalita' ta' Sannat li jikkonsisti billi jsir dan it-tibdil li ġej:

*Pjazza Santa Margarita*

Spazji ta' parkeġġ fil-Pjazza Santa Margerita.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

*Triq Dun Xand Aquilina*

Spazji ta' parkeġġ wara l-knisja fejn iċ-Ċentru Parrokkjali.
Yellow lines minn quddiem Giorgia Bajada sa dar ta' *Azzopardi House.*
Yellow lines miċ-Ċentru Parrokkjali sa dar ta' Salvina Azzopardi.
Spazji ta' parkeġġ mid-dar ta' Salvina Azzopardi sal-garaxx miżbugħ aħmar.
Double yellow lines mill-garaxx l-aħmar sal kantuniera ma' Triq Santa Maria.
Spazji ta' parkeġġ mid-dar *Galea House* sa Theuma House.
Double yellow lines faċċata ta' Triq Santa Marija.

*Triq Santa Marija*

Spazji ta' parkeġġ fuq in-naħa fejn hemm ir-residenti.

*Triq Ta' Ċenċ*

Double yellow lines mid-dar ta' Mario Pisani sa dar ta' Frans Curmi faċċata ta' Triq Santa Marija.
Spazji ta' parkeġġ mid-dar ta' Frans Curmi sal-kantuniera ta' Sqaq Dun Anastas.
Double yellow lines mill-Isqaq ta' Dun Anastas sa Triq il-Gruwa.
Spazji ta' parkeġġ fuq il-lemin tat-triq fid-direzzjoni Ta' Ċenċ.
Il-bus stop għandha titpoġġa fil-pjazza fejn hemm l-entratura ta' Ċenċ.
Traffic Management fi Marsiljia Junction li tmiss ma' Triq Cenċ, Triq Dun Luqa u Triq il-Gruwa.
Għal Triq Skerla tidħol minn Triq Ta' Ċenċ u toħroġ minn fejn id-dar ta' Joseph Curmi biss.
Rigward ir-roundabout Ta' Ċenċ issemma l-possibilta' li jsir Traffic Management.

*Pjazza tax-Xelina*

Traffic Management permezz ta' sinjali tat-traffiku taż-żebgħa fl-art fi Pjazza Tax-Xelina.

*Sannat Junction*

Rigward ir-round about fi Triq Sannat issemmiet il-possibilta' li jkun *removable*. Is-Sindku semma il-possibilta' li tista ssir *speed camera*. Il-Ministru għal Għawdex għandha tintalab biex issir laqgħa magħha rigward materji pendenti fli-lokalita' fosthom Triq Sannat.

**Item 7 Notte Scarlata 2011**

1320 Rigward l-attivita' ta' Notte Scarlata għandha tinkiteb ittra lir-residenti ta' Sannat biex issir sejħa għal voluntiera biex jgħinu fl-attivita' Notte Scarlata u attivitajiet oħra. L-għaqdiet għandhom jiġu mistiedna wkoll biex jgħinu f'dan il-volontarjat. Għandhom jintalbu sponsors lil kumpaniji l-kbar. Il-programm ta' Notte Scarlata għandu jiġi mfassal bl-inqas spejjeż possibbli. In-Notte Scarlata għandha tiġi transferita mill-4 u l-5 ta' Ġinju 2011 għal 20 u 21 ta' Mejju 2011 peress li f'dawk il-ġranet ser issir n-Notte Gozitano. Aktarx li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali mhux ser iħalli lil ħadd jibdel id-dati.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

**Item 8. Performance Bonus**

1321 Il-Kunsill approva l-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv ta' 10% u dak tal-Assistent Prinċipal u tal-Skrivana ta' 6%.

**Item 8 Materja Oħra**

1322 Issemma li fi Triq Gerxija hemm bżonn ta' bozza ġdida faċċata ta' trejqa żgħira li hemm fl-istess triq. Aktarx li din trid issir fuq arblu. Għandu jiġi ivverifikat jekk hux possibli li din ssir mal-bini ta' xi ħadd minn din it-trejqa.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar 2011 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |